MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 349/2007

Carmelo Grima (Id. 586656M).

Vs

Francis u Josephine Mary sive Joyce konjugi Camilleri.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-konvenuti huma debituri tieghu fl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti bilanc ta' hlas dovut ghal xoghol ta' spray u panel beating illi huwa wettaq fuq il-vettura tal-marka MGA, proprjeta' tal-konvenuti, liema xogholijiet twettqu fuq inkarigu ta' Francis Camilleri. Illi minkejja li gew interpellati ghall-hlas diversi drabi, l-konvenuti baqghu inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz tal-ittra ufficjali 1041/07, u bl-imghax legali skond il-ligi, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew:- 1. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi mhux minnu li l-konvenuti huma debituri fl-ammont ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u dana stante li l-ftehim li kien hemm bejn l-attur u l-konvenut Francis Camilleri kien illi x-xoghol ta’ spray painting kellu jsir konguntivament bejniethom bi hbiberija u mhux ghall-hlas; 2. illi per konsegwenza tal-ftehim surriferit il-konvenut Frans Camilleri qatt ma talab stima tax-xoghol lill-attur u l-attur qatt ma hareg fattura ghall-hlas; 3. illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit mhux minnu li l-attur wettaq xoghol ta’ panel beating fuq il-vettura de quo izda wettaq biss konguntivament mal-konvenut Frans Camilleri xoghol ta’ spray painting u l-materjal mehtieg ghal dan ix-xoghol inxtara u thallas kollu mill-imsemmi konvenut; 4. illi ghaldaqstant dato ma non concesso li xi hlas huwa dovut dan zgur mhux fl-ammont pretiz mill-attur stante illi l-pretensjoni hija esagerata u nofs ix-xoghol twettaq mill-konvenut Frans Camilleri stess u l-materjal inxtara kollu minnu; 5. illi minghajr pregudizzju ghall-premess ix-xoghol mwettaq mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Sema’ x-xhieda tal-attur Carmelo Grima.

Sema’ x-xhieda ta’ Mario Bartolo prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Stephen Grima prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Quentin Chetcuti prodott mill-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Sylvia Grima prodott mill-attur.

Ra l-affidavit tal-konvenut Francis Camilleri.

Sema’ x-xhieda ta’ Joseph Vella prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda ta’ Alexander Camilleri prodott mill-konvenut.

Sema’ x-xhieda tal-konvenut in kontro ezami.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi skond l-attur, li xogholu huwa dak ta’ ‘sprayer’, il-konvenut kien xtara ‘classic car’ mill-Ingilterra u din kellha bzonn xi xoghol ta’ restawr, u partikolarment f’dak li jirrigwarda l-ispray taghha. Il-partijiet kienu hbieb sew u l-konvenut kien talab lill-attur sabiex jaghmillu dan ix-xoghol. L-attur spjega b’mod car kif f’kazijiet bhal dawn, qabel ma jsir ix-xoghol ta’ spray, il-karozza jkollha bzonn hafna xoghol u qisha tinbena mill-gdid bl-istokkjatura, fillers ecc. L-attur xehed li l-karozza kienet giet ghandu mqaxxra u fuq il-pjanca u cioe bla zebgha u li hu dam xi xaghrejn jahdem fuqha fuq bazi part- time kull darba li ma jkunx qieghed fuq ix-xoghol fiss tieghu.

Skond l-attur il-konvenut xtara l-maggoranza tal-materjal li kien hemm bzonn jintuza, pero huwa xtara xi ftit ukoll apparti li kellu l-ispejjes bhal dawk tal-uzu tad-dawl fil-garaxx tieghu.

L-attur xehed illi huwa ta l-karozza lesta u kompluta u li l-konvenut kien kuntent hafna bir-rizultat. Il-partijiet ma kienux ftehmu fuq prezz ghal dan ix-xoghol la qabel u lanqas waqt li kien qieghed isir, u dana minhabba li skond l-attur kienu hbieb, u dan kien qal lill-konvenut li kien ser izommlu inqas minn haddiehor. Wara li ghaddew xi xahrejn minn meta l-attur ta l-karozza lill-konvenut, huwa kien mar sabiex jaghti l-ahhar ‘polish’, u meta kien lesta l-effett kien gie sabih hafna u l-konvenut talbu x’kellu jaghtih ta’ din il-bicca xoghol kollha. Dak il-hin l-attur talbu hames mitt lira ta’ kollox izda r-rejazzjoni tal-konvenut kienet wahda hazina ghaliex baqa imbellah u l-prezz rah gholi. Fil-fatt il-konvenut offra li jhallas mija u hamsin lira,

li pero ma gewx accettati mill-attur, ghaliex lanqas kienu jaghmlu tajjeb ghall-ammont ta’ dawl li kien konsma.

L-attur xehed illi huwa mar jiccekkja jekk kienx talab prezz gholi, izda inghata informazzjoni minn surveyor li seta’ talab anki t-tripplu tal-prezz. Peress illi huwa qatt ma thallas xejn mill-konvenut, kellha mbaghad issir din il-kawza.

Meta xehed in kontro ezami, l-attur dejjem baqa jsostni li l-karozza dahlet ghandu mqaxxra u li hu kellu jibniha u jaghti l-ispray mill-bidu nett. Huwa kkonferma li kien proprju hu li taha l-primer. Il-karozza kellha tohrog mill-garaxx tieghu darba sabiex jinqatalha xi bicca bis-sadid u din ma setghetx tinsaq dak iz-zmien. Huwa kkonferma wkoll li l-konvenut qatt ma hadem mieghu fuq il-karozza.

Illi in sostenn ta’ dak minnu allegat, l-attur ipproduca bhala xhud lill-certu Mario Bartolo li huwa habib tieghu u li fil-qosor ikkonferma li jiftakar lill-attur jahdem ghal iktar minn xahrejn fuq il-karozza in kwistjoni u dana ghaliex kien imur izuru ta’ spiss fil-garaxx tieghu u joqoghod ikellmu waqt li l-attur ikun qieghed jahdem fuq il-karozza. Huwa xehed li jiftakar li l-attur kien ghamel hafna xoghol fuq il-karozza qabel ma ta l-ispray u dan ghaliex kienet tidher imharbta mhux hazin. Huwa kien jara l-attur jixkatla l-karozza u juza magni bhal polishers fuqha u dana dejjem qabel ma nghata l-ispray. Fil-fatt kien ikun prezenti anki meta l-konvenut kien imur il-garaxx u kien jisimghu ifahhar ix-xoghol tal-attur. Huwa xehed li kien jara l-attur biss jahdem fuq il-karozza in kwistjoni.

In kontro ezami l-istess xhud ikkonferma izjed minn darba li huwa kien ra l-karozza fil-garaxx tal-attur pjanca u li kien ra l-attur jistokkja u jirfinaha qabel ma taha l-ispray.

L-attur ipproduca wkoll lill-ibnu Stephen Grima bhala xhud tieghu. Dan xehed li huwa jghix ma missieru w ommu u li l-garaxx li fih sar ix-xoghol jinsab ezatt mad-dar taghhom. Fil-fatt huwa kien jghaddi jara l-missieru qabel ma jidhol id-dar kwazi kulljum u kien jarah jahdem fuq il-karozza in kwistjoni ghal perjodu ta’ ftit izjed minn xahrejn. Ix-xhud

spejga li huwa ra b'ghajnejh li l-karozza waslet gol-garaxx ta' missieru fuq il-landa u ghalhekk ra lill-missieru jaghmel xoghol ta' filler, xkatlar, xoghol ta' irfinar tal-wicc tal-karozza u wara xoghol ta' spray u polish. Huwa kemm il-darba ra lill-konvenut fil-garaxx ta' missieru pero dan zgur li qatt ma kien qieghed jahdem fuq il-karozza izda kien ikun qieghed ipaccpac u jixrob it-te. Il-konvenut gieli fahhar lill-missieru ghax-xoghol li kien qieghed jaghmel quddiem ix-xhud.

L-attur ipproduca bhala xhud tieghu wkoll lill-certu Quentin Chetcuti li kien habib tieghu u li kien gieli jkun il-garaxx meta l-attur kien ikun qieghed jahdem fuq il-karozza. Ix-xhud ikkonferma li kull darba li mar ra l-attur jahdem fuq il-karozza fis-sens illi kien qieghed jahdem fuq il-hadid u jixkatla. Kien ra wkoll il-konvenut prezenti izda qatt ma rah jahdem fuq il-karozza.

Xehedet ukoll il-mara tal-attur u cioe Sylvia Grima. Hi xehedet li r-ragel taghha kien dam hafna jahdem fuq il-karozza in kwiatjoni u li gieli kien ikun hemm il-konvenut ihares lejn ir-ragel taghha jahdem bil-qeghda fuq kaxxa, tant hu hekk illi hi gieli kienet tinzel gol-garaxx sabiex taghtihom it-te. Hi ukoll ikkonfermat li rat ir-ragel taghha jahdem fuq il-bicciet tal-karozza meta dawn kienu ghadhom bicciet tal-hadid.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut fl-affidavit tieghu xehed illi hu u l-attur kienu ilhom snin hbieb ta' xulxin u gieli kienu jaghmlu xoghol wiehed ghall-iehor u qatt ma kienu jghaddu flus bejn xulxin. Gara li l-konvenut xtara din il-karozza antika mill-Ingilterra u din kellha spray li ma kienx tajjeb hafna u ghalhekk hu u l-attur kienu ftehmu li jqaxxru l-karozza u li l-konvenut mbaghad jehodha ghand l-attur u dan jaghtiha l-ispray. Peress li l-konvenut ma ridx jonfoq hafna flus fuqha, skond hu kienu ftehmu li hu jixtri l-materja u mbaghad hu u l-attur jaghmlu x-xoghol fuqha ta' hbieb li kienu.

Skond hu l-karozza wara li giet lura mill-panel beater dahlet fil-garaxx tal-konvenut u kien hu stess li taha l-passati tal-primer, u ghalhekk ma kienx veru li l-karozza

marret ghand l-attur fuq il-pjanca. Skond hu ukoll meta din il-karozza marret fil-garaxx tal-attur kienu haddmu t-tnejn fuqha u mhux biss l-attur. Huwa xehed li nefaq hafna flus fuq il-materjal li kien xtara ghal din il-bicca xoghol u li kien ixxukkjat meta l-attur talbu l-flus ghaliex ma basarx li dan kien ser jaghmel hekk, u li kieku kien jaf li l-attur kien ser jiccargja l-flus ma kienx jidhol f'din il-bicca tax-xoghol. Huwa deherlu li l-bicca tax-xoghol l-attur kien ser jaghmilielhu b'xejn bhas-soltu ghaliex huma dejjem hekk mxew ma xulxin.

Illi in sostenn tat-tezi tieghu l-konvenut ipproduca bhala xhud lill-certu Joseph Vella li xogholu huwa dak ta' panel beater, u li kien fil-fatt il-persuna li ghamel il-panel beating fuq il-vettura. Skond hu jekk kellu jaghmel ukoll ix-xoghol ta' spray kien jiccargja lill-konvenut l-ammont ta' hames mitt lira, pero peress li dan ix-xoghol m'ghamlux hu, ovvjament ma ccargjax ta' dan. Ix-xhud xehed ukoll li kien ta passata primer lill-karozza.

Illi l-konvenut ipproduca wkoll bhala xhud lill-ibnu Alexander Camilleri, li kkonferma li hu u missieru kienu qaxxru l-karozza u mbaghad haduha ghand il-panel beater sabiex dan ilestiha ghall-ispray. Hu xehed li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-konvenut ilesti l-karozza ghall-ispray u mbaghad jehodha ghand l-attur u flimkien jaghmlu x-xoghol ta' spray fuqha. Huwa kkonferma li l-attur izjed hadem fuq il-karozza peress li ovvjament kien hu l-persuna izjed teknika. Huwa xehed li l-karozza ma marritx fil-garaxx tal-attur pjanca ghaliex il-panel beater kien diga ta undercoat u missieru kien kompla jaghtiha undercoat qabel ma marret ghand l-attur. Ix-xhud pero ikkonferma wkoll li ghand l-attur kellhom jahdmu fuq xi imperfections ohrajn u li l-attur kellu jaghti izjed primer.

Illi t-Tribunal wara li ha konjizzjoni ta' dan kollu jidhirlu li f'din il-kawza hemm zewg versjonijiet konfliggenti u kontradittorji ghall-ahhar, u ghalhekk huwa l-kaz li wiehed jezamina u jevalwa x-xhieda moghtija sabiex jasal ghal konkluzzjoni dwar liema versjoni hija dik l-izjed kredibbli u verosimili. Li hu zgur huwa li t-tezi tal-attur dejjem baqghet l-istess u huwa qatt ma kkontradixxa ruhu, u fil-

fatt il-versjoni tal-attur hija ghal kollox kredibbli u verosimili. Apparti dan, il-versjoni tal-attur giet korroborata minn diversi xhieda ohra li alavolja ma humiex nies teknici xorta wahda baqghu konsistenti u konvincenti fix-xhieda taghhom.

It-Tribunal huwa ferm izjed dispost li jemmen il-versjoni tal-attur dwar kemm sar xoghol u li x-xoghol effettivament sar kollu kemm hu mill-attur ghaliex wara kollox kien hu l-persuna li kien jifhem fix-xoghol ta' spray u affarijiet konnessi ma dan.

Illi t-Tribunal bl-ebda mod ma jhoss li l-ammont mitlub mill-attur ghax-xoghol li ghamel huwa ezagerat jew infondat. Wara kollox jidher li sar hafna xoghol fuq il-karozza u li x-xoghol sar kollu tajjeb u dam ghaddej mhux hazin. Huwa minnu li l-partijiet qatt ma ftehmu fuq prezz qabel ma beda x-xoghol pero dan ma jistax ifisser li ta' bicca xoghol bhal dik l-attur m'ghandux dritt li jithallas. Fil-fatt anki mill-istima li gab il-konvenut stess, jidher li l-ammont mitlub lanqas hu xi wiehed ezagerat jew infondat. Il-fatt li l-konvenut hallas ghal xi spejjes tal-materjal ukoll ma jfissirx li l-attur m'ghandux jithallas ta' xogholu. Anki l-argument illi l-partijiet kienu hbieb u li fuqu ghamel enfasi kbira l-konvenut huwa argument bla bazi ghaliex dana ma jfissirx illi ghax kienu hbieb l-attur kellu jaghmel bicca xoghol estensiva bhal dik minghajr hlas.

Illi ghalhekk it-Tribunal huwa ta' l-oppinjoni li l-attur irnexxilu jipprova t-talba tieghu sal-grad mehtieg mill-ligi, u l-istess talba ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mija u hamsa u sittin ewro (€1,165), (ekwivalenti ghas-somma ta' Lm500 kif mitlub fl-Avviz), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------